MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 1197/2011

Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Numru 1572/08, fl-ismijiet:

**M.I.M.S. SUPPLIES LIMITED** (C-25336)

vs

Ivan **CALLEJA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta’ Novembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent Ivan Calleja (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutat”) talab li din il-Qorti

timponi fuq il-kumpannija intimata M.I.M.S. Supplies Limited (aktar 'il quddiem imsejħa l-"eżekutanti") li tressaq garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan fiż-żmien li l-istess Qorti jogħġobha tiffissalha, u dan biex tagħmel tajjeb għad-danni li huwa diġa' ġarrab u għad sejjer iġarrab minħabba l-ħruġ kontra tiegħu mill-istess eżekutanti tal-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi, u li, f'każ li l-eżekutanti tonqos li tressaq l-imsemmija garanzija fiż-żmien lilha mogħti, li tordna t-tħassir tal-imsemmi Mandat;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2011, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti u tatha żmien biex tressaq it-tweġiba tagħha;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti fit-12 ta' Diċembru, 2011, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talba u qalet li m'hijiex mistħoqqa u ma jmisshiex tintlaqa';

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-eżekutat;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni sussidjarja maħsuba taħt l-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent eżekutat irid li l-Qorti tordna li l-eżekutanti tressaq garanzija tajba u xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li qed iġarrab minħabba Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontrih mill-istess eżektanti fid-9 ta' Ottubru, 2008, biex tħares pretensjonijiet li l-istess eżekutanti ressqet permezz ta' kawża[1] miftuħa kontrih dak inhar stess, u dan wara li t-talba tiegħu għat-tħassir tal-imsemmi Mandat ma ntlaqgħetx għal kollox b'degriet mogħti minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2009[2];

[1] Rik. Nru. 1025/08JRM
[2] Dok "Ċ", f'paġġ. 13 – 7 tal-atti

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ dwar "sorti" ta' €580,000[3] u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta "ammont kalkolat biss għall-finijiet ta' dan il-Mandat in konnessjoni ma' danni kaġunati mill-intimat u sofferti mir-rikorrenti liema pretensjoni ġiet dedotta permezz ta' rikors ġuramentat fl-istess ismijiet intavolat kontestwalment mal-preżenti". Tali pretensjonijiet joħorġu minn tmiem ta' rabta kummerċjali bejn ir-rikorrent u l-intimata eżekutanti nfisha – li tixlih b'għamil kontra l-interessi tagħha[4] u wkoll bi ksur ta' rabta fiduċjarja li hu, bħala direttur tal-istess kumpannija, messu wera fin-negozju tiegħu ma' terzi[5];

Illi l-eżekutat huwa wieħed minn żewġ azzjonisti tal-istess kumpannija eżekutanti[6];

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ. Meta l-liġi tipprovdi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa ta' min ikun kiseb il-ħruġ favurih ta' Mandat kawtelatorju, min jagħmel it-talba għal garanzija bħal dik (il-persuna eżekutata li kontriha jkun inħareġ il-Mandat li jkun) irid juri tajjeb biżżejjed lill-Qorti li jkun hemm "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[7]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[8];

Illi hawnhekk irid jingħad li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu partikolari tal-liġi huwa wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li

---

[3] Dok "A", f'paġġ. 4 – 6 tal-atti
[4] Taħt l-art. 136A tal-Kap 386
[5] Art. 1124A tal-Kap 16
[6] Dok "B", f'paġġ. 7 sa 12 tal-atti
[7] Ara P.A. GC **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[8] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[9]. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn. Fil-każ tal-lum, din il-Qorti kienet diġa' ċaħdet talba tal-eżekutat għat-tħassir tal-Mandat;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[10], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat[11]. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

Illi l-eżekutat qanqal id-dubju li l-ezekutanti m'hijiex f'qagħda finanzjarja tajba biżżejjed biex tkun tista' tagħmel tajjeb għall-ħsara li huwa ġarrab bil-Mandat maħruġ, jekk kemm-il darba kellu joħroġ li l-pretensjonijiet tagħha kontrih ma jintlaqgħux. Dwar dan, huwa ressaq provi dokumentali biex juri kif, fuq medda ta' żmien, l-eżekutanti kienet sejra lura[12]. Min-naħa tagħha, l-eżekutanti tgħid li nġabet f'dik il-qagħda sewwasew minħabba l-imġiba żlejali tal-eżekutat. Dan l-argument, iżda, jagħmel mill-

[9] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[10] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[11] P.A. GCD **12.8.2010** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Cachia vs Albert Bonniċi***
[12] Dok "Ġ", f'paġġ. 21 – 8 tal-atti

kwestjoni fil-mertu li l-Qorti hija mitluba li tqis fil-kawża. Huwa argument li jfisser ukoll li l-eżekutanti tassew m'hijiex f'qagħda finanzjarja b'saħħitha li tagħti garanzija li wieħed jista' joqgħod fuqha biex tista' twettaq l-obbligi tagħha, f'każ li tkun mitluba tagħmel dan;

Illi meta jittieħdu b'qies dawn iċ-ċirkostanzi flimkien, il-Qorti ssib li l-eżekutat seħħlu juriha fil-grad tal-*prima facie* li l-Mandat effettivament nissel ċirkostanza fejn ikun xieraq li l-eżekutanti tintrabat b'garanzija. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li talba bħal din qiegħda ssir mill-eżekutat għall-ewwel darba u ma kenitx saret qabel jew ingħatat xi deċiżjoni dwarha fil-provvediment li ngħata meta ma ntlaqgħetx għal kollox it-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat;

Illi wara li qieset il-fatti kollha tal-każ u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li teżisti raġuni tajba biex tordna t-tqegħid min-naħa tal-eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għall-eventwalita' ta' ħsara, imgħax u spejjeż li r-rikorrenti eżekutat jista' juri li ġarrab minħabba l-ħruġ tal-Mandat. Il-Qorti qiegħda tistabilixxi tali garanzija fis-somma ta' għaxart elef euro (€10,000), liema garanzija għandha titressaq fi żmien tletin (30) jum minn dak inhar li kopja ta' dan il-provvediment tkun notifikata lill-eżekutanti, liema notifika għandha ssir mill-eżekutat bi spejjeż tiegħu. Tali garanzija għandha tingħata jew permezz ta' garanzija f'dak l-ammont maħruġa minn bank lokali jew bil-ftuħ ta' kont bankarju f'dak l-ammont f'isem l-eżekutanti, liema kont jitqies sekwestrat favur l-eżekutat. Jekk u meta titressaq il-garanzija, l-eżekutanti trid tressaq nota fl-atti tal-Mandat, b'notifika lill-eżekutat;

Illi f'każ li l-garanzija ma titressaqx fiż-żmien u bil-mod hawn fuq imsemmi, l-Qorti qiegħda tordna li l-Mandat jitħassar b'seħħ minn dakinhar li jagħlaq iż-żmien mogħti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent eżekutat billi:

**Tilqa' t-talba** u tordna li l-intimata eżekutanti M.I.M.S. Supplies Limited tressaq garanzija tajba għall-ammont ta' għaxart elef euro (€10,000) fiż-żmien u bil-mod li ssemma aktar 'il fuq;

L-**ispejjeż** f'dan il-każ, jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------